MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 357/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg fit-28 ta’ Novembru tas-sena 2001 u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal X u Y, ahwa Bonello li twieldu fil-25 ta’ Dicembru 1999 u fl-24 ta’ Settembru 2001 rispettivament;
2. Illi l-imsemmija konjugi kienu nfirdu minn xulxin b’kuntratt ta’ separazzjoni ppubblikat minn Nutar Dottor Liza Schembri fit-30 ta’ Novembru 2012 (Dokument A) b’dana illi kienu ilhom *‘de facto’* separati minn Settembru 2008;

3. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw *inter alia,* l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu rrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Artikolu 4 tal-istess kuntratt);
4. Illi l-partijiet kienu wkoll ftehmu dwar il-manteniment dovut u paggabbli mill-esponent versu l-htigijiet tat-tfal minuri, liema manteniment dejjem thallas puntwalment (Artikolu 6 tal-istess kuntratt);
5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
6. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talab a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C;

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Awissu, 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana

peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Novembru 2012 u ilhom de facto separati minn Settembru 2008;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------